MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-28 ta' Dicembru, 2007

Appell Kriminali Numru. 353/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Patrick Micallef**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Patrick Micallef (karta ta' l-identita` nru 277977(m)) talli f'dawn il-Gzejjer nhar l-1 ta' Gunju 2003, ghall-habta tat-tlieta ta' filghodu gewwa l-*Foot Loose Bar*, Triq San Gorg, San Giljan, u/jew fil-vicinanzi (**a**) minghajr il-hsieb li joqtol jew iqieghed il-hajja f'perikolu car, ikkaguna ferita [recte: offiza] ta' natura gravi fil-gisem ta' Janie Gauci, u (**b**) volontarjament kiser il-bon-ordni u l-kwiet pubbliku bl-ghajjat u bil-glied;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) ta' l-4 ta' Ottubru 2007 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-

imsemmi Patrick Micallef hati skond l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu (b'dan li l-offiza kienet gravi skond l-Artikolu 216 tal-Kodici Kriminali u ghalhekk ma kienux applikabbli l-Artikoli 217 u 218 tal-Kap. 9 li gew ukoll citati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu ta' rinviju ghall-gudizzju, fol. 71), u kkundannatu tmien (8) xhur prigunerija sospizi ghal sentejn skond l-Artikolu 28A tal-Kap. 9;

Rat it-talba ghas-sospensjoni ta' l-ezekuzzjoni tas-sentenza, debitament milqugha; rat ir-rikors ta' appell ta' l-istess Patrick Micallef, minnu presentat fis-16 ta' Ottubru 2007, li permezz tieghu huwa talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-21 ta' Dicembru 2007; ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant hu maghmul jikkonsisti filli, skond hu, l-ewwel qorti erroneament naqset milli tapplika l-iskuzanti kontemplati fl-Artikolu 230(a) jew 230(c) tal-Kodici Kriminali – jigifieri meta l-offiza fuq il-persuna tkun giet provokata minn offiza gravi fuq il-persuna jew delitt iehor kontra l-persuna meta dan id-delitt ikun suggett ghall piena ta' aktar minn sena prigunerija (Art. 230(a) abbinat ma' l-Art. 227(a)), jew tkun giet provokata minn delitt, ta' kull xorta li jkun, kontra l-persuna (Art. 230(c)). L-appellant, tramite l-abbili difensuri tieghu, jilmenta li l-ewwel qorti hawdet dawn id-difizi ma' dik ta' eccess ta' legittima difiza.

Tajjeb li l-ewwelnett wiehed jara ezatt x'irrizulta mill-provi. <u>Xi hmistax-il gurnata qabel l-incident meritu ta' din il-kawza</u>, l-appellant kellu incident iehor ma' Janie Gauci. Dan l-incident precedenti sehh peress illi Gauci hassitha urtata li l-appellant ma riedx ikompli johrog maghha u, *per di piu`*, waqt li kien fil-bar[1] hu beda jkellem tfajla ohra. Gauci qabdet tazza tax-xorb u, minn distanza ravvicinata, tefghethielu ghal wiccu u kkagunatlu offiza (skond l-

---

[1] Mhux car mill-provi f'liema stabbiliment sehh dan l-ewwel incident ta' xi tlett gimghat qabel. Skond Janie Gauci dan sehh il-*Havana* (fol. 28). Skond l-imputat meta xehed quddiem l-ewwel qorti, l-incident sehh fl-istabbiliment *Foot Loose* (fol. 74), mentri skond ix-xhud Austin Zammit dan sehh f'post jismu *Flaskback* (fol.77) !!

Ispettur Martin Sammut, ta' natura hafifa[2] – fol. 15). Dan l-incident, u specjalment il-fatt li dan sehh xi tlett gimghat qabel l-incident meritu ta' l-appell odjern, qed jigi sottolineat mhux biss minhabba dak li jipprovdi l-Artikolu 235 tal-Kodici Kriminali – *"Ma jiswewx lill-hati l-provokazzjonijiet imsemmijin fl-artikoli 227 u 230, meta ma jkunux saru fil-waqt ta' l-azzjoni li taghha jingiebu bhala skuza"* – izda anke peress li l-appellant stess, jew ahjar id-difensuri tieghu, qed jikkonfondu incident ma' iehor[3] b'mod li jpoggu l-incident meta ntefghet it-tazza u Micallef intlaqat f'wiccu bhala li sehh fl-1 ta' Gunju, meta dan ma hux minnu.

Mill-provi, dak li jidher li sehh fl-1 ta' Gunju 2003 kien li l-appellant u Gauci inzertaw, bla ma kienu miftehma li jiltaqghu, fl-istabbiliment *Foot Loose*. Habib ta' l-appellant, Austin Zammit, mar ikellem lil Gauci biex jipprova jipprevjeni inkontru ravvicinat infelici iehor bejn l-appellant u l-istess Gauci, izda jidher li kien kollu ghal xejn ghax Gauci spiccat vicin ta' l-appellant. Hawnhekk ghadda xi kliem bejn Gauci u l-appellant li certament ma kienux jikwalifikaw bhala *"an exchange of pleasantries"*, u Gauci bdiet ukoll tolqtu bil-minkeb f'daru. Fi kliem l-appellant fl-istqarrija tieghu:

**"Jien ergajt dort halli nkompli ma' l-gharusa tieghi li lahqet giet mit-*toilet*, u din [Gauci] kompliet tiffittani fis-sens li taghmel subghajha tan-nofs ma' wicci."** [4]

Kien f'dan l-istadju li sehhet xi haga li waslet lill-appellant sabiex, fi kliemu, *"Dort u fajjartilha daqqa go wiccha."* Din ix-xi haga l-appellant *a tempo vergine* jiddeskriviha hekk fl-istqarrija li huwa rrilaxxja lill-Pulizija:

---

[2] Dwar din l-offiza li kien garrab hmistax qabel, l-appellant ma kienx ghamel rapport. Kien biss wara, u cioe` in segwitu ghall-incident tal-1 ta' Gunju 2003, li l-Pulizija, li allura issa saret taf b'dak li kien sehh tlett gimghat qabel, ipprocediet kontra Gauci. Gauci ghazlet li tixhed f'dawn il-proceduri fis-26 ta' Gunju 2003 (fol. 25 *et seq.*) minkejja li kien hemm il-kaz kontra taghha li kien ghadu *sub judice*.

[3] Ara, per ezempju, t-trattazzjoni ta' l-Avukat Dott. J. Herrera quddiem l-ewwel qorti, riprodotta a fol. 86 *et seq.*

[4] Fol. 19.

**"Xi tlett minuti wara hassejt daqqa ta' tazza ma' dari u inhsilt bil-birra ma' dahri kollu." [5]**

L-appellant jghid li b'dik id-daqqa hu ma garrab ebda griehi. Gauci tiddeskrivi hekk id-dinamika ta' l-incident:

**"L-imputat kien dahru lejja. F'hin minnhom ghollejt idejja bit-tazza. L-imputat dar ghax kien qieghed ihares lagenba, minn taht il-ghajn. Qabadli jdejja l-leminija fejn kelli d-*drink*…Hu ra d-*drink* f'idejja u nahseb li hu haseb li kont ser nerga' nixhitlu xi tazza bid-*drink* ghal wiccu u ghalhekk qabadli jdejja l-leminija u b'idu l-leminija tani erba' daqqiet ta' ponn, tnejn taht ghajnejja x-xellugija, wahda bejn ghajnejja u tal-ahhar qasamli hugbejja tan-naha tax-xellug…Bid-daqqiet waqajt ma' l-art." [6]**

Bhala fatt irrizulta li, apparti offizi ta' natura hafifa f'wiccha -- rizultat dirett tad-daqqiet li hija irceviet -- hija garrbet ukoll *"linear fracture of the left temporal bone of the skull"* (ara c-certifikat ezibit a fol. 18). Hija din il-frattura li tikwalifika bhala gravi *per durata*. L-appellant jikkontendi li d-daqqa li huwa jghid li ircieva f'dahru tikwalifika bhala delitt ghall-finijiet ta' l-iskuzanti kontemplati fl-Artikoli 227(a) u 230(c).

Jibda biex jinghad li l-appellant ghandu, in parti, ragun meta jikkontendi – kif sahaq abbilment id-difensur tieghu l-Avukat Jose` Herrera fil-kors tat-trattazzjoni orali fl-udjenza tal-21 ta' Dicembru 2007 – li l-ewwel qorti ma apprezzatx ghal kollox il-linja difensjonali tieghu li huwa kien ippropona fl-udjenza tat-22 ta' Gunju 2007. Jekk wiehed jara s-sentenza appellata u partikolarment dik il-parti fejn l-ewwel qorti ghaddiet biex telabora dwar il-punti ta' dritt involuti, wiehed isib li dik il-qorti effettivament iffokat biss fuq il-legittima difiza u l-eccess ta' legittima difiza, u skartat ghal kollox id-difiza ta' provokazzjoni. Ghal dan, pero`, jahti wkoll sa certu punt l-istess appellant. In fatti, jekk wiehed jara l-verbal ta' l-udjenza

[5] *Ibid.*
[6] Fol. 26.

tat-22 ta’ Gunju 2007 quddiem il-Qorti Inferjuri, wiehed isib registrat hekk:

**“Dr Jose` Herrera jirrileva li d-difiza li qed jissottometti l-imputat hija dik tal-provokazzjoni fit-termini ta’ l-Artikolu 230 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Ghandu jigi wkoll rez applikabbli l-*proviso* ta’ l-Artikolu 227(d) ta’ l-istess Kodici.”**

Issa, dan il-*proviso* hija proprju dik id-disposizzjoni tal-ligi li tikkontempla l-eccess ta’ legittima difiza meta persuna tkun inhasdet, bezghet jew twerwret. Jinghad ukoll li fis-sentenza appellata, fit-tielet paragrafu mill-ahhar, hemm element zghir ta’ konfuzjoni bejn difiza u ohra meta l-qorti tghid: *“…huwa* [Micallef] *agixxa bil-mod imsemmi aktar ‘l fuq ghaliex gie provokat mill-vittma, ghalkemm kif inghad aktar ‘l fuq tali provokazzjoni ma tistax titqies li kienet tirrendi l-agir ta’ l-imputat skuzabbli ai termini tal-Artikolu 230(d)*[7] *…”*.

F’dana l-istadju ta’ appell l-appellant mhux jikkampa aktar id-difiza ta’ legittima difeza jew ta’ eccess f’dan ir-rigward izda, kif aktar ‘l fuq spjegat, qed jghid li kien hemm l-iskuzanti tal-provokazzjoni kontempalti fl-Artikoli 227(a) u 230(c) tal-Kodici Kriminali.

Ezaminati mill-gdid u akkuratament il-provi kollha, din il-Qorti mhix sodisfatta li tapplika xi wahda minn dawn id-disposizzjonijiet dwar provokazzjoni. Stante li f’dan il-kaz id-daqqa ta’ tazza li l-appellant qala f’dahru fl-1 ta’ Gunju 2003 ma kkagunatlu ebda offiza, anqas wahda hafifa, biex japplika l-Artikolu 227(a) jew 230(c) irid jirrizulta, imqar fuq bazi ta’ probabbilita`, li Gauci meta laqtet lil Micallef bit-tazza, kellha l-intenzjoni (**i**) <u>jew</u> li tikkagunalu offiza ta’ natura gravi (b’mod li allura jkun hemm ir-reat – delitt – ta’ tentattiv ta’ offiza gravi, u ghalhekk delitt kontra l-persuna suggett ghall-piena ta’ aktar min sena prigunerija (Artikolu 227(a)) <u>jew</u> (**ii**) l-intenzjoni li tikkaguna offiza ta’ natura hafifa fuq l-istess Micallef (b’mod ghalhekk li jkun hemm

[7] L-Artikolu 230(d) jirreferi ghad-difiza ta’ eccess ta’ legittima difiza kontemplat fl-Artikolu 227(d).

tentattiv ta' offiza hafifa li huwa delitt kontra l-persuna u li jaqa f'dak li jipprospetta l-Artikolu 230(c)). Pero` minn dan kollu, din il-Qorti ma tara li jirrizulta xejn. Kieku hawn si tratta ta' daqqa ta' tazza li tigi mifqugha f'wicc xi hadd, jew daqqa ta' flixkun fuq ras xi hadd, wiehed forsi jista' jitkellem dwar tentattiv ta' offiza gravi – hu risaput li l-hgieg miksur huwa strument taljenti u meta jigi mifqugh fuq il-gilda, specjalment jekk b'certa vjolenza, id-deduzzjoni ta' fatt li l-agent ried jikkawza offiza proprju bil-hgieg hekk miksur hija wahda aktar milli semplicement plawsibbli. Pero` jekk wiehed jaghti daqqa ta' xi haga lil persuna ohra (fis-sens li jolqot lil xi hadd b'xi haga) minghajr il-hsieb li jikkaguna xi offiza, gravi jew hafifa, jekk dik il-persuna l-ohra ma ssofri ebda offiza fis-sens li anqas ikollha xi forma ta' ugieh, allura l-fatt ma jikwardax bhala delitt; jista' biss jinkwarda, fl-aghar ipotesi, ghall-<u>kontravvenzjoni</u> kontemplata fil-paragrafu (d) tal-Art. 339(1). Id-daqqa ta' tazza li l-appellant jghid li hass ma' dahru u li ma kkagunatlu ebda offiza u anqas xi forma ta' ugieh (il-konsegwenza kienet biss li nhasel bil-likwidu) hija aktar kompatibbli ma skontru – habta – bejn id Gauci u dahar l-appellant, u dan minhabba l-fatt li kienu vicin hafna ta' xulxin. Anqas id-daqqiet – imbottaturi – bil-minkeb ta' Gauci ma jistghu jinkwadraw bhala delitt kontra l-persuna. Huwa minnu li kemm Austin Zammit (fol. 77) kif ukoll Charmaine Gauci (fol. 79) ighidu li Janie Gauci "waddbet tazza ma' dahar l-imputat", izda anke hawn il-massimu li wiehed jista' jghid hu li kien hemm il-<u>kontravvenzjoni</u> ta' min, minghajr ma jidrob jew isawwat, iwaddab oggett iebes lejn haddiehor (Art. 339(1)(b) tal-Kap. 9). Kien hemm, iva, element ta' provokazzjoni da parti ta' Gauci – u l-ewwel qorti, fis-sentenza taghha dana haditu in konsiderazzjoni ghall-finijiet ta' piena – izda dawn il-provokazzjonijiet ma kienux jinkwadraw la fl-Artikolu 227(a) u anqas fl-Artikolu 230(c).

Kwantu ghall-piena erogata – tmien xhur prigunerija sospizi ghal sentejn – din il-Qorti hija tal-fehma li fic-cirkostanzi tal-kaz m'ghandhiex tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel qorti. Huwa evidenti fil-fehma tal-Qorti li l-appellant fl-1 ta' Gunju 2003 sab l-okkazjoni biex ipattiha lil Gauci ta' dak li kienet ghamlitlu xi tlett gimghat

qabel. Jinghad ukoll li sfortunatament incidenti ta' vjolenza fizika f'lokali ta' divertiment bhal dak li kienu jinsabu fih l-appellant u Janie Gauci qed isiru aktar frekwenti, b'mod li qed tinbet l-idea li tali stabbilimenti huma perikoluzi, jew li min jiffrekwentahom ghandu xi dritt li jiehu l-ligi b'idejh flok ma jirrikorri ghal mezzi civili ta' kif kwistjonijiet jigu rizolti. Trid tidhol ghalhekk il-kultura li min jirrikorri ghal tali vjolenza ghandu jigi severament punit; u difatti din il-Qorti ripetutament fissret li, bhala regola, meta si tratta ta' offiza fuq il-persuna il-piena ghandha tkun wahda karcerarja b'effett immedjat. F'dan il-kaz, in vista tal-provokazzjonijiet u anke l-agir inkonsult ta' Gauci, l-ewwel qorti ttemperat il-piena billi applikat l-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali. Din il-Qorti tikkondividi pjenament il-hsieb tal-Qorti Inferjuri f'dan ir-rigward f'dan il-kaz.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Il-periodu operattiv tas-sentenza sospiza jibda jiddekorri mil-lum. Il-Qorti tigbed l-attenzjoni tar-Registratur ghad-disposizzjoni ta' l-Artikolu 28A(8) tal-Kodici Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------